**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (4)

S'issa tkellimna ma' żewġ dilettanti li jiftakru tajjeb it-tiġrijiet akkaniti ta' bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija.

Nerġgħu niltaqgħu magħhom aktar 'il quddiem b'aktar tagħrif dwar sehem id-distrett tagħhom f'din it-tradizzjoni antika.

Illum se nlaqqagħkom ma' Karmnu Grech, magħruf fost il-Bormliżi bħala Karmnu tal-Posta - qaddief Bormliż, li matul il-karriera tiegħu mhux biss kiseb unur għalih u għal Bormla fit-Tiġrija tal-Vitorja, iżda flimkien ma' sieħbu Pietru Farrugia t-"Tinit" fl-1922 waqfu d-dominanza tad-distrett ta' Marsamxett fit-tiġrija tad-dgħajjes ta' Bi Tnejn u rebħu dan il-palju mill-1922 sal-1930 u mill-1932 sal-1936.

Meta ltqajt miegħu biex nagħmillu din l-intervista dwar sehmu f'dawn it-tiġrijiet, Karmnu kien digá qabeż sew is-70 sena, iżda minkejja l-etá tiegħu, il-memorja kienet ċara u t-tifkiriet ta' żgħożitu dehru jieħdu l-ħajja mill-ġdid.

Fil-fatt ma' Karmnu ma tkellimtx biss dwar it-tiġrija tad-dgħajjes ta' bi Tnejn, iżda wkoll dwar it-tiġrijiet ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjija kif ukoll dawk ta' żmienna.

Minħabba l-eta' tiegħu jien ltqajt miegħu tliet darbiet, dejjem inkomplu fejn ħallejna l-ġimgħa ta' qabel sakemm finalment ħarġet din l-intervista, fejn partijiet minnha se nippubblikawhom f'kitba li qed tidher illum u l-kumplament ġimgħa oħra. Intenni li kull intervista hi biss l-esperjenza u l-opinjoni tal-persuna intervistata:

*Karm, nixtieqek teħodni lura fiż-żmien meta int bdejt taqdef ma' Bormla ... x'tiftakar dwar l-atmosfera tal-Port f'jum it-Tiġrija tal-Vitorja?* Karmnu għal mument deher jintilef fil-ħsieb, imbagħad ħares lejja u bi tbissima fuq fommu lissen bil-mod:

"Kien żmien ieħor ... it-tiġrijiet tal-lum huma organizzati tajjeb u sbieħ ħafna iżda t-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra kienu isbaħ u aktar akkaniti. Xi kultant iżżejjed ukoll! Biżżejjed timmagina li fit-tiġrijiet kollha barra dawk tal-Kajjikki tal-Kopp kien jinqala' ħafna ġlied u ġieli weġġgħu diversi nies.

"Fi żmieni kellna żewġ tiġrijiet tal-Kajjikki, waħda tal-Kopp li kienu jsejħula t-"Tiġrija tal-Ħmir" għax fiha kienu jieħdu sehem madwar 20 Kajjikk, u l-oħra tal-Kajjikki t-twal - tiġrija sabiħa u akkanita ħafna. Jien kelli 17-il sena meta qdift l-ewwel darba fil-Kajjikki 'Fancy' b'erbat imqadef.

"Ħadt sehem b'kumbinazzjoni għax wieħed mill-qaddiefa stabbiliti kien marad u riedu qaddief ieħor minfloku. Għall-ewwel l-għażla waqgħet fuq ċertu Toni Zarb "iz-Zokk", iżda wara li niżel xi darbtejn kellu xi jgħid mal-pruwier u niżel mid-dgħajsa.

"B'kumbinazzjoni waqt din it-tilwima, jien kont ma' missieri, u peress li kien midħla sew mal-barklori, għax hu wkoll għamel żmien jaħdem bid-dgħajsa, daħal bejniethom biex jipprova jikkalma l-kwistjoni iżda ma rnexxielux. Kien hawn li f'ħin minnhom missieri dar fuqi u talabni biex ninżel nipprova u nagħti qadfa... middehra sabuni tajjeb għax mill-ewwel talbuni biex nissieħeb magħhom bħala membru ta' l-ekwipaġġ ...

"Jien dak li kont qed nistenna u bdejt nitħarreġ magħhom. Sfortunatament dik is-sena ma ksibniex suċċess, għax biex inkun għedt kollox, ma kienx ekwipaġġ tajjeb. Iżda bil-ħila tagħhom jien ksibt l-ewwel esperjenza tiegħi, kemm bħala qaddief kif ukoll l-esperjenza u l-eċċitament tal-kanal.

"L-akbar dieqa tiegħi kienet li issa li tlift posti fil-Kajjikk kienet se tkun aktar iebsa li nerġa' nieħu sehem fir-Regatta, meta l-opri kollha tat-tiġrija kienu armati b'qaddiefa stabbiliti. Fl-1921 jien ingħaqadt ma' ekwipaġġ ieħor tal-Kajjikki t-twal iżda ma komplejniex it-triq.

"Madankollu Bormla kienet tajba ħafna f'din il-korsa u kemm-il darba kienet l-isfidant ewlieni għar-rebħ tal-palju. Aħna qegħdin nitkellmu fil-bidu tas-snin 20, meta l-Isla kienet tiddomina din il-korsa bid-distrett ta' Marsamxett bħala avversarju aħrax tagħhom f'din il-korsa u l-Ferilli.

"Niftakar żmien meta f'din il-korsa kienu jieħdu sehem fiha qaddiefa tajba u kienet saret akkanita ħafna, iżda f'nofs is-snin għoxrin, meta aħna kellna l-Kajjikk "San Pietru ta' Bilonju" u beda jiddomina din il-korsa din it-tilfet xi ftit mill-popolaritá tagħha. Bħala distrett aħna konna tajbin fil-korsi l-kbar, l-aktar fid-dgħajjes tal-Midalji u ta' Bi Tnejn – fil-korsa ta' bl-Erbgħa konna tajbin, iżda l-Birgu li kellhom ekwipaġġ iffurmat minn erba' qaddiefa mustaċċuni. Sfortunatament dan il-palju konna ilna snin ma nirbħuh, nidħlu fit-tieni post, iżda l-ewwel qatt.




Il-koppja leġġendarja ta' Karmenu Grech (tal-Posta) u Pietru Farrugia (it-Tinit) jippożaw għar-ritratt fl-1926

"Anke tal-Kajjikki, qabel ma kellna lil "San Pietru" rari erbaħna din il-korsa. Fil-fatt aħna konna nieħdu sehem b'żewġ kajjikki, armati b'qaddiefa ta' esperjenza biex jirnexxielna nirbħu dan il-palju, iżda toħroġ il-għaġeb, ġieli konna qegħdin ngħaddu lill-Isla bi tliet tulijiet, iżda hekk kif naslu l-Ponta tal-Isla, il-Kajjikk tagħna kien jittrażżan, waqt li l-ekwipaġġ tal-Kajjikk "San Filippu" tal-Isla kien iżid fil-qdif u kien jidher qisu qed jinqata' minn wiċċ l-ilma.

"L-Isla kellhom Kajjikki tajbin u armati tajjeb! Kif għedtlek, il-Kajjikk "San Pietru ta' Bilonju" waqqafhom lill-Isla. Anke l-Birgu kellhom żewġ kajjikki tajbin ħafna, l-aħjar wieħed kien "San Lawrenz". Niftakar Bormla kellhom erba' Kajjikki, fosthom San Ġorġ - sidu kien jismu Ġorġ u peress li kien membru tal-każin tal-banda kien semmieh għalih.

"Kull distrett kellu Kajjikki, l-Isla kellhom erbgħa żgur jekk mhux aktar, il-Birgu tnejn, il-Kalkara tnejn, l-aħjar wieħed "San Ġużepp", il-Marsa tnejn ukoll waqt li Marsamxett kellhom erbgħa żgur.

"Kif għedtlek, din it-tiġrija kienet sabiħa ħafna u ħasra li wara l-gwerra ma saritx bi skuża li dawn il-Kajjikki tkissru bil-bombi tal-gwerra ...possibbli l-ebda distrett ma salva Kajjikk?

"Staqsejtni dwar l-atmosfera f'jum ir-Regatta ... differenti ħafna mil-lum. Il-kanal kien jingħalaq fuq iż-żewġ naħat u fid-dħul tiegħu kien jidjieq ħafna. Immagina int, fid-dħul kien ikun numru kbir ta' dgħajjes u Kajjikki mimlijin daqs bajda b'partitarji avversarji, li hekk kif jaraw dgħajsa avversarja fuq quddiem kienu jippruvaw iwaqqfuha bit-tfiegħ ta' fliexken, parati, bċejjeċ ta' injam u anke ġieli tefgħu l-imqadef fil-baħar biex jostakolaw il-korsa.

"Barra hekk, l-atmosfera waqt it-tiġrijiet tal-Ferilli, tal-Midalji u ta' bl-Erbgħa kienet tkun waħda sħuna u r-rivalitá li kienet tidher u tinħass fost il-qaddiefa waqt l-andament tat-tiġrija kienet tinfirex fost il-partitarji, li kemm minn fuq il-mollijiet kif ukoll minn fuq id-dgħajjes li kienu jdawru l-kanal, il-ħin kollu kienu jgħajtu u jgħajru lill-avversarji tagħhom ...

"Qed issemmi l-inkwiet li kien jinqala' f'kull tiġrija ... il-pulizija ma kienet tagħmel xejn biex twaqqaf u tikkontrolla l-ġlied li kien jinqala' fost il-partitarji avversarji f'xatt il-Belt ... jien nimmagina li l-pulizija kienet tkun armata tajjeb bil-laneċ biex tissorvelja d-dgħajjes li kienu jorbtu mal-planki tal-kanal u mal-ewwel sinjal ta' diżgwid fost il-partitarji kienet tidħol f'nofshom biex tikkontrolla s-sitwazzjoni ...

"Dak iż-żmien il-pulizija kellhom Lanċa waħda ... x'tista' tagħmel b'lanċa waħda meta madwar il-kanal kien ikollok mijiet ta' dgħajjes u nġenji oħra tal-baħar mimlijin bin-nies, b'xi wħud minnhom kienu jinżlu għal ġlied ... ara fuq il-mollijiet, il-pulizija kienet tkun armata għal kull ma jinqala' u kull sena kienu jarrestaw xi nies ... xi wħud kienu jitilqu minn wara li tispiċċa r-Regatta, lil oħrajn kienu jtellgħuhom l-qorti ... f'dawn it-tiġrijiet ġieli weġġgħu ħafna nies, u minkejja dan kollu, is-sena ta' wara u ta' wara nerġgħu ngħaddu mill-istess storja, u l-ħelwa hi li ħafna drabi jkunu l-istess ċorma ta' nies ...

*Karm għidli, x'kienet iċ-ċirkustanza li laqqagħtek ma' Pietru Farrugia... lil Pietru kont tafu?*

"Meta fl-1921 kellna fjask ieħor bil-Kajjikki twal, l-ekwipaġġ li kont naqdef miegħu sfratta u jien ħsibt li tlift posti bħala qaddief .... kelli raġun naħseb hekk, għax ħdejn il-qaddiefa l-oħra jien kont għadni tifel, u sfortunatament bdejt naqdef ma' wieħed mill-agħar ekwipaġġi li kellna fil-Kajjikki.

"Kien għall-ħabta ta' Ġunju 1922, meta jien kont qed nieħu té s-suq il-qadim u ġie fuqi Pietru Farrugia li kien magħruf bħala It-"Tinet". Dan Pietru kien ġuvni ... kien twil u mibni sabiħ. Wara li offrieli té, qalli li hu jixtieq jarma dgħajsa ta' bi Tnejn u staqsieni jekkx jien naċċettax li naqdef miegħu.

"Għall-ewwel jien bqajt inħares lejh – jien kont naf li Pietru kien qaddief tajjeb u jien kont għadni nibda. Pietru bħal intebaħ x'kien għaddej minn moħħi u qalli li hu kien konvint li b'taħriġ tajjeb, hu u jien konna kapaċi neħduha kontra Grogan u Leli Fenech tal-Kalkara, Ġużeppi Cutajar ta' Marsamxett u Ġanni l-"Bubbli" u John il-"Vopa" tal-Isla.

"Il-qaddiefa li semmieli Pietru kienu qaddiefa tajbin ħafna - kienu barklori bħal ħafna oħrajn, iżda fit-tiġrija kont taqtagħhom mill-oħrajn. Xi wħud minnhom kienu jaqdfu mal-bastimenti tal-Flotta Ingliża meta dawn kienu jsiefru lejn Messina, Venezja, Corfu, Lixandra u portijiet oħra fil-Mediterran.

"F'dawn il-portijiet in-Navy kienet torganizza tiġrijiet tal-wejliet u oħra tad-dgħajjes Maltin li ma kinux dgħajjes tat-tiġrija, iżda tal-barklor li kienu jiġu kommissjonati mill-kaptan tal-bastiment, u li flimkien ma' barklor ieħor kienu jsiefru bid-dgħajsa, li kienet tintuża bħala mezz ta' transport għall-kaptan u l-uffiċjali minn fuq il-bastiment għall-art.

*tkompli f'ħarġa oħra*